MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 858/2003

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Galea u l-istess Joseph Galea**

**vs**

**Philomena Attard**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fid-29 ta' April, 2003, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsa u sittin lira Maltija u tletin centezmu (Lm265.30) risarciment ta' danni in kwantu ghal mija u sitta u tmenin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm186.55) lis-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited noe u tmienja u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm78.75) lil Joseph Galea, minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident**

**awtomobilistiku li gara Ta' Xbiex fid-29 ta' Novembru, 2002, meta waqt li l-konvenuta kienet qed tregga' lura l-vettura Nru. EAO-887 habtet mal-vettura Nru. THE-106, propjeta' tal-attur Joseph Galea u misjuqa minnu, liema vettura kienet wieqfa fil-hin ta' l-incident, ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza, u inosservanza tar-regolamenti.**
**Oltre d-danni u l-ispejjez tal-kawza, il-konvenuta ghandha thallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) ta' l-20 ta' Marzu, 2003 u l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata konteswalment mat-talba ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghax legali b'effett mill-20 ta' Marzu, 2003 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Joe Zammit McKeon ghas-socjeta' attrici li kkonferma l-kontenut ta' l-avviz. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal isib lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li sehhet u jikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sitta u tmenin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm186.55), u lil Joseph Galea is-somma ta' tmienja u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm78.75), bl-imghaxijiet legali fuq l-ammonti imsemmija mill-20 ta' Marzu, 2003 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) ta' l-20 ta' Marzu, 2003 u l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata konteswalment mat-talba ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a**

**tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------